MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-27 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 1108/2014

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Pierre Spiteri (K.I. 354771M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-4 ta' Dicembru, 2014 mis-soċjetà attriċi li bih ppremettiet u għamlet dawn it-talbiet:

*1. Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fi tlett kuntratti, tnejn minnhom fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef wieħed minnhom datat 30 t'April 2007 (Dok. "A"), u l-ieħor datat 6 ta' Settembru, 2007 (Dok. "B") u ieħor fl-atti tan-Nutar Nicholas Briffa datat 2 ta' Awwissu, 2012 (Dok. "C"), is-soċjetà attriċi kkonċediet faċilitajiet bankarji lil Pierre Spiteri.*

*2. Illi s-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi ta' Pierre Spiteri fis-somma ta' mija u sitta u sebgħin elf, erbgħa mija u sittin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€176,460.59), bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Pierre Spiteri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1" sa "D5", Dok. "E1" sa "E5" u Dok. "F1" sa "F2" u Dok. "G") flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-2 ta' Ottubru 2014 sad-data tal-effettiv pagament.*

*3. Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija, partikolarment imma mhux esklussivament, billi Pierre Spiteri:*

*(a) naqas milli iħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi privati,*

*(b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew,*

*(c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Pierre Spiteri li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

*4. Illi l-konvenut Pierre Spiteri ġie interpellat permezz ta' ittra uffiċjali datata 10 ta' Lulju, 2014 (Dok. "H"), sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda dan baqa' inadempjenti u kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet attriċi li ġejjin:*

*(i) Tiddikjara u tiddeċiedi li seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebiti bħala Dokument "A", "B" u "C") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Pierre Spiteri*

*(a) naqas milli jħallas l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti,*

*(b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew,*

*(c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Pierre Spiteri li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

*(ii) Tikkundanna lil Pierre Spiteri iħallas lis-socjetà attriċi is-somma ta' mija u sitta u sebgħin elf, erbgħa mija u sittin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€176,460.59), bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Pierre Spiteri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D5", Dok "E1" sa "Dok E5", Dok. "F1" sa "F2" u Dok. "G"), flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-2 t'Ottubru, 2014 sad-data tal-effettiv pagament.*

Rat illi r-rikors ġie debitament notifikat lill-konvenut li naqas li jippreżenta risposta fiż-żmien mogħti lilu mil-liġi u hekk baqa' kontumaċi.

Semgħet bil-ġurament lil Rose Corti, Litigation Officer mal-Bank of Valletta p.l.c. li xehdet li mid-data tal-preżentata tar-Rikors Maħluf ma sar l-ebda depożitu u li l-ammont għadu kollu dovut.

Semgħet lill-avukat tas-soċjetà rikorrenti.

Eżaminat l-atti tar-rikors.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet kif dedotti fir-Rikors Maħluf jirriżultaw ġustifikati.

Fil-kontumaċja tal-konvenut taqta' u tiddeċiedi billi:

**<u>Decide</u>**

**Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà rikorrenti kif dedotta fir-Rikors Maħluf u ssib li seħħet waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti msemmija, billi l-konvenut Pierre Spiteri naqas li jħallas regolarment u fiż-żmien li fih intrabat li jagħmel dan mal-Bank attur; billi l-istess konvenut naqas li jwettaq l-obbligi l-oħrajn li ntrabat bihom; u billi seħħew bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenut li jolqtu ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tad-debitu lill-istess Bank attur.**

**Tilqa' t-tieni talba attriċi billi tikkundanna lill-konvenut Pierre Spiteri iħallas lill-Bank attur is-somma ta' mija u sitta u sebgħin elf, erbgħa mija u sittin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€176,460.59), bilanċ għad-debitu fil-*"Loan Accounts"* tiegħu, flimkien mal-imgħax legali ulterjuri fuq dik is-somma b'seħħ mit-2 t'Ottubru, 2014 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-konvenut biex iħallas l-ispejjeż tal-kawża.**

Moqrija

**ONOR. DR. LAWRENCE MINTOFF LL.D.**
**Imħallef**

**Frederick Stagno Navarra**

**Dep. Reġ.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------